# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-22 ta' April 2024**

**Talba nru. 50/2020 IS**

**MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED (C 1052) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' ASSIKURATRIĊI MAPFRE MIDDLESEA P.L.C. U KIF SURROGAT FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA WILLIAM CASINGENA U L-ISTESS WILLIAM CASINGENA (I.D. 0495087 (M))**

***VERSUS***

1. **IS-SINDKU U S-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KUNSILL LOKALI TA' BIRKIRKARA**

2. **AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Frar 2020 (a fol 1 sa 3), l-atturi talbu l-ammont ta´ elfejn mitejn u sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,226.35) rappreżentanti danni ikkaġunati lill-attur William Casingena fuq il-vettura tiegħu u li bħala riżultat ta´ dan l-inċident għamel tajjeb għalihom is-soċjeta´ attriċi abbażi tal-polza ta´ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* kif ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali numru 3742/2018.

Ra illi fl-20 ta' Frar 2020 l-Awtorita' konvenuta Awtorita' Għat-Trasnport f'Malta ġiet debitament notifikata (a fol. 11).

Ra illi l-Awtorita' Konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fis-26 ta' Frar 2020 (a fol. 8 sa 10).

Ra illi fl-20 ta' Frar 2020, il-konvenut Kunsill Lokali Birkirkara ġie debitament notifikat (a fol. 11).

Ra illi l-konvenut Kunsill Lokali Birkirkara ippreżenta r-risposta tiegħu fil-5 ta' Marzu 2020 (a fol. 13 sa 15).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-3 ta' Ottubru 2022, l-atturi għalqu l-provi tagħhhom (a fol. 348).

Ra illi fit-24 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Lokali konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 355).

Ra illi fis-6 ta' Diċembru 2022, l-Awtorita' konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 371).

Ra illi fis-6 ta' Diċembru 2022, il-partijiet kollha għalqu l-provi tagħhom (a fol. 371).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

L-atturi sostnew illi l-attur William Casingena kien qed isuq il-vettura tiegħu meta fid-19 ta' Novembru 2016, il-vettura tiegħu tal-marka BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni ROE-087 sofriet danni meta kien qed isuq fi Triq Dun Karm, Birkirkara.

Il-punti illi dan it-Tribunal irid jiċċara huma jekk hemmx prova illi l-imsemmi incident seħħ fl-imsemmija ġurnata, jekk jirriżulta li tali incident verament seħħ ta' min kienet ir-responsabbilita' u fl-aħħar l-ammont tad-danni u min hu responsabbli għall-imsemmi ħlas, u ċioe' jekk hux l-atturi jew xi ħadd mill-konvenuti.

<u>Provi illi l-vettura misjuqa minn William Casingena kienet involuta f'inċident fid-19 ta' Novembru 2016</u>

L-ewwelnett, dan it-Tribunal jinnota illi meta PS 2198 kienet qiegħda tixhed fis-7 ta' Diċembru 2021, jidher illi kien hemm *lapsus* meta Dr. Maria Attard qalet "…*jinvolvi -vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROE-087 misjuqa minn Miriam Casingena*" (a fol. 79) u dan għaliex kull evidenza u xhieda prodotta f'dawn il-proċeduri turi illi kien William Casingena illi kien qed isuq l-imsemmija vettura u mhux Miriam Casingena, u liema punt ta' kontestazzjoni anqas tqajjem mill-konvenuti wkoll b'dan illi juri illi huma aċċettaw illi l-vettura kienet misjuqa minn William Casingena.

It-tieni punt li se jkun diskuss hija dwar id-data tal-inċident. Skond ir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol. 95 sa 97, huwa ċar illi William Casingena irraporta l-Għassa u qal illi l-inċident bil-vettura tiegħu seħħ fid-19 ta' Novembru 2016 fi Triq Dun Karm Birkirkara, preċiżament ġo

side street. Tali data tal-inċident ukoll kitibha William Casingena fl-insurance claim form li tinsab a fol. 121 sa 124 u ukoll xehed f'dan ir-rigward fis-7 ta' Diċembru 2021, liema xhieda tinsab a fol. 80 sa 83.

B'dan illi pero' ħadd mill-konvenuti ma qajjem mistoqsija dwar id-data tal-inċident tul il-proċess, b'dan illi jidher illi l-partijiet kollha ma kellhom ebda oġġezzjoni jew kontestazzjoni fuq id-data tal-inċident.

<u>Ir-raġuni għaliex seħħ l-inċident</u>

Diversi xhieda xehdu illi kienu għaddejjin xi xogħolijiet fl-inħawi fejn seħħ l-inċident b'dan illi pero' skond ir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol. 75 sa 97 juri illi l-inċident seħħ minħabba *pothole* fit-triq u fil-fatt anke ir-ritratt li jinsab a fol. 98 juri li għax kien hemm ħofra fit-triq seħħ l-inċident.

<u>Fejn sar l-inċident</u>

Fl-avviż tat-talba, l-atturi issottomettew illi l-inċident seħħ ġewwa Triq Dun Karm Birkirkara (a fol. 2).

Jidher illi fil-fatt tali triq hija triq pjuttost twila, b'dan ukoll illi ir-rappreżentant legali tal-Kunsill Lokali konvenut fit-trattazzjoni finali tiegħu, u liema parti mit-trattazzjoni finali tinsab a fol. 375, ukoll qal illi "*Issa il-Klikk jinsab faccata ta' Triq Dun Karm. Dik il-parti ta' triq li taghti mill-speci highway ghal Klikk ukoll imsemmija Triq Dun Karm. In-numru ta' pjanti li gew esebiti li ttiehdu mis-sit ufficjali tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar juru li hemm diversi side streets li huma imsejha Triq Dun Karm…*" Dan ukoll skond is-*site plans* ippreżentati b'nota mill-Kunsill Lokali konvenut, u liema *site plans* jinsabu a fol. 351 sa 354. B'dan ukoll illi l-indirizz uffiċċjali tal-ħanut fejn kien l-attur William Casingena meta seħħ l-inċident, jaqra Triq Dun Karm.

B'dan illi pero' skond ir-rapport ippreżentat minn PS 2198, u liema kopja tar-rapport tinsab a fol. 95 sa 97, l-attur William Casingena jgħid illi l-inċident seħħ fi Truq Dun Karm Birkirkara, preċiżament ġo *side street*. Anke Joseph Cassar, senior claims handler mas-soċjeta' attriċi, xehed illi l-inċident seħħ ġo *side street* (a fol. 152). B'dan illi pero' jidher ukoll illi din is-*side street* fejn sar l-inċident hija wkoll magħrufa bħala Sqaq il-Għoġla, u dan skond mappa ippreżentata mis-soċjeta' attriċi meħuda minn 'Google Maps' u li tinsab a fol. 347, u ukoll skond l-imsemmija *site plans* ippreżentati mill-Kunsill Lokali konvenut, u liema *site plans* jinsabu a fol. 351 sa 354. Karen Cremona, in rappreżentanza tal-Awtorita' konvenuta, ukoll xehdet fis-7 ta' Diċembru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 92, is-segwenti:

"*Xhud: Mela fejn hemm Klikk hemm..fejn hemm il-Klikk hemm side road, sewwa?*
*It-Tribunal: Iva*
*Xhud: Li hija Triq il-Ghogla.*

*It-Tribunal: Li hija triq …?*
*Xhud: Triq..sorry, Sqaq il-Ghogla…*"

Anke William Casingena xehed fis-7 ta' Diċembru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 83, is-segwenti:

"*Xhud: …f'dan l-isqaq id-dejjaq.*
*Dr. Chris Vella: L-isqaq?*
*Xhud: Ezatt.*
*Dr. Chris Vella: Jigifieri..ma sarx..l-incident ma sarx fil-main road?*
*Xhud: Mhux il-main road tigi din hawnhekk*
*…*
*Dr. Chris Vella: Kien fil-main road…?*
*Xhud: Mhix main road; Le mhix main road le. Mhix il-by pass; ma genb il-by pass*."

B'dan illi pero' lil hinn minn x'inhu l-isem preċiż tat-triq, il-fatt hu illi ħadd mill-konvenuti ma jista' jipprova jallega li ma kienx jaf eżattament fejn seħħ l-inċident, u dan irrispettivament minn x'jisimha eżattament it-triq, ghaliex skond l-ittra illi s-soċjeta' attriċi bagħtet lill-konvenuti, u fejn kopja tal-ittra tinsab a fol. 164, turi illi s-soċjeta' attriċi ipprovdiet lill-konvenuti kemm ir-rapport tal-Pulizija u anke ritratt fejn seħħ l-inċident in kwistjoni, b'dan illi tali ritratt u rapport kienu wkoll ippreżentati f'din it-talba, fosthom a fol. 95 sa 98 u 172 sa 175. Fil-fatt, Sandro Azzopardi għan-nom tal-Awtorita' konvenuta, wkoll irrefera għall-imsemmi ritratt skond il-kopja tal-email tiegħu li huwa bagħat lis-soċjeta' attriċi u liema kopja tinsab a fol. 238. B'dan illi l-konvenuti setgħu faċilment irregolaw ruħhom.

B'dan illi allura jonqos illi jkun determinat taħt min din il-parti tat-triq taqa', u ċioe' jekk hux responsabbilta' tal-Kunsill Lokali konvenut jew tal-Awtorita' konvenuta.

F'dan ir-rigward, Mandy Farrugia, segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut, xehdet fit-2 ta' Ġunju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 258, is-segwenti:

"*Dr. Maria Attard: Jigifieri nghid sew li Sqaq il-Ghogla jaqa' tahtkom.*
*Xhud: Sqaq l-Ghogla iva*."

Ir-rappreżentat legali tal-Kunsill Lokali konvenut ukoll stqarr fit-trattazzjoni finali, u liema parti tat-trattazzjoni finali tinsab a fol. 375, illi "*…jekk it-triq, l-incident sehh fi Sqaq il-Ghogla jfisser li r-responsabbilta' tal-Kunsill…*"

Anke Karen Cremona, in rappreżentanza tal-Awtorita' konvenuta, ippreżentat dokument li turi t-toroq kollha arterjali u distributorji illi jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Awtorita' konvenuta, u liema dokument ijnsab a fol. 129 sa 136. Tali document juri wkoll li Triq Dun Karm *se mai* arterjali biss taqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorita' konvenuta, u ukoll xehdet fis-

7 ta' Diċembru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 92 illi "…*Sqaq il-Ghogla minnu nnifsu mill-ewwel jindika li ma hijiex triq arterjali ghax huwa sqaq … jew distributorja*…"

B'dan illi dan it-Tribunal hu konvint fuq bażi ta' probabbilita' illi l-inċident seħħ ġewwa Sqaq il-Għoġla, il-konvenuti kienu kollha ferm konsapevoli fejn seħħ l-inċident u b'dan illi l-Kunsill Lokali konvenut hu responsabbli għal ħsarat ikkaġunati lill-vettura tal-attur William Casingena.

L-ammont ta´ danni

Ġjaldarba, dan it-Tribunal isib illi tali ħsara illi ġarrbet il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ROE-087 hu minħabba l-ħofra fl-iSqaq hawn fuq imsemmi, dan it-Tribunal irid issa jiddetermina l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi.

L-ewwelnett, l-atturi ippreżentaw il-polza tal-assigurazzjoni illi l-attur William Casingena kellu fuq l-imsemmija vettura mas-soċjeta' attriċi, u liema polza tkopri wkoll id-data tal-inċident, u liema kopja tal-imsemmija polza tinsab a fol. 158 sa 161, b'dan illi juri illi tali vettura kienet inxurjata *comprehensive* fid-data tal-inċident.

Inoltre', is-soċjeta' attriċi ippreżentat *survey report* u diversi ritratti illi juru d-danni illi ġarrbet l-imsemmija vettura, liema kopja tinsab a fol. 101 sa 104. Ukoll, Is-soċjeta' attriċi ippreżentat lista ta' spejjeż inkorsi minħabba l-imsemmi inċident fejn dan id-dokument kollu hu mmarkat bħala Dok. JG u jinsab a fol. 99 sa 119. Tali ammont jindika l-ammont ta' elfejn u sitta u tletin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,036.35). B'dan illi pero' William Casingena xehed fis-7 ta' Diċembru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 81, illi hu ħallas l-*excess payment* fl-ammont ta' mija u disgħin Ewro (Eur 190.00) b'dan illi t-total ta' danni sofferti mill-atturi minħabba l-imsemmi inċident hu ta' ´ elfejn mitejn u sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,226.35).

Imgħax

Fl-avviż tat-talba, l-atturi wkoll jirreferu għall-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni safejn tolqot lis-soċjeta' attriċi hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'dan illi għaldaqstant fr-rigward tal-ammont ta' elfejn u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,029.36). B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data tal-inċident u ċioe' mid-19 ta' Novembru 2016 u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti

inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-*excess payment* illi l-attur William Casingena ħallas u ċioe' fl-ammont ta' mija u disgħin Ewro (Eur 190.00) u anke l-ammont ta' sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 6.99) rappreżentanti ammont illi ħallas William Casingena sabiex ġabar ir-rapport tal-Pulizija, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, ma jidhirx illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali, u dan għaliex tali azzjoni ta' ħlas ma hix ta' natura kummerċjali, hekk skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn fuq imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" F'dan il-każ, l-atturi ippreżentaw kopja tal-ittra uffiċċjali numru 3742/2018 ppreżentata fis-6 ta' Novembru 2018 li tinsab a fol. 146. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi tali l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) beda jiddekorri mis-6 ta' Novembru 2018 fuq l-imsemmi ammont ta' mija u sitta u disgħin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 196.99) u jibqa' hekk jiddekkorri sad-data tal-ħlas effettiv. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

<u>Spejjeż legali inkorsi mill-atturi</u>

Is-soċjeta' attriċi ippreżentat kopja tal-ittra uffiċċjali numru 3742/2018 ippreżentata fis-6 ta' Novembru 2018 li tinsab a fol. 146 u anke a fol. 164 u kopja tal-ittra legali datata 5 ta' Settembru 2019 li tinsab a fol. 167.

B'dan illi s-soċjeta' attriċi għandha tkun hekk rimborsata mill-Kunsill Lokali konvenut għall-imsemmija spejjeż.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-atturi fl-ammont ta´ elfejn mitejn u sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,226.35) rappreżentanti danni sofferti mill-attur William Casingena u li bħala riżultat ta´ dan l-inċident għamlet tajjeb għalihom is-soċjeta´ attriċi abbażi tal-polza ta´ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mid-data tal-inċident u ċioe' mid-19 ta' Novembru 2016 u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv fuq l-ammont ta' elfejn u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,029.36) filwaqt li bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mis-6 ta' Novembru 2018 fuq l-ammont ta' mija u sitta u disgħin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 196.99) sad-data tal-ħlas effettiv. Tali ammont dovut lill-atturi huwa kollu a kariku tal-Kunsill Lokali

konvenut.

Jillibera lill-Awtorita' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-Kunsill Lokali Birkirkara konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali numru 3742/2018 u tal-ittra legali datata 5 ta' Settembru 2019, inkluż ukoll tas-sentenza preliminari mogħtija mit-Tribunal datata 26 ta' Ottubru 2021.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur